## Il-parabbola taż-żewġ ulied

**(Mk 21,1-2 ; Lq 20,9-19)**



**[21:28]** "Intom x'jidhrilkom? Kien hemm raġel li kellu żewġ ulied. Resaq fuq il-kbir u qallu, 'Ibni, illum mur aħdem l-għalqa tad-dwieli.'

**[21:29]** U dak qallu, 'Ma rridx.' Iżda mbagħad biddel il-fehma u mar.

**[21:30]** Resaq fuq l-ieħor u qallu l-istess. 'Arani sejjer, sidi,' qallu dan, u ma mar xejn.

**[21:31]** Min minnhom it-tnejn għamel kif ried il-missier? "L-ewwel wieħed," weġbuh. U qalilhom Ġesù: "Tassew, ngħidilkom, li l-pubblikani u n-nisa tat-triq deħlin qabilkom fis-Saltna ta' Alla.

**[21:32]** Għax Ġwanni ġie għandkom miexi fit-triq tal-ġustizzja, u intom ma emmintuhx iżda l-pubblikani u n-nisa tat-triq emmnuh; u għalkemm intom rajtu dan kollu, bqajtu sa l-aħħar ma biddiltux il-fehma tagħkom, u ma emmintuhx.

Il-Parabbola ghandha erba lezzjonijiet:

1. Mhux dak li tghid, imma x'taghmel jghodd.

   *Hawn hafna li lil Alla jghidu li jhobbuh  bil-kliem izda meta jigu ghall-fatti jaharbu d-doveri taghhom u jaghmlu dak li jidhrilhom. Isma' lil Gesu' Kristu jghid: "Mhux min jghidli Sinjur Sinjur jidhol fis-Saltna tas-Smewwiet izda min jaghmel ir-rieda ta' Missieri dan jidhol fis-Saltna tas-Smewwiet."*

2. Mhux kif tibda',  izda kif tispicca jghodd.

   *Bosta nies jaghmlu ta' rashom u jwarrbu l-messagg ta' konverzjoni li Alla minn zmien ghal iehor iwasslilhom b'diversi*

*modi u manjieri; xi uhud minnhom meta ma jibqghux ghomja jaraw l-izball taghhom u jikkonvertu.*

3. Ma jiswiex x'inti u min inti, izda x'tista issir.

   *Tista tkun bniedem hazin, tghix boghod minn Alla, imma dement li inti haj dejjem ghandek ic-cans li tikkonverti, bhalma ikkonverta l-halliel il-hazin, Santu Wistin, Santa Marija Madlena de Pazzi u tant nies ohra.*

4. Qatt ma hu tard li timbidel.

   *La darba Alla silfek iz-zmien inti tista timbidel. Issa hu tieghu, minuta ohra jew ghada ma hux tieghek. Li ghandek taghmlu aghmlu issa. Ghada jista' jkun tard wisq.*

Innota li l-ewwel tifel kien ribelluz. Qal lil missieru li sejjer u ma marx, izda meta missieru tbieghed induna bl-ingratitudni tieghu u mar jahdem fil-ghalqa. Iddispjacih tassew li mar kontra r-rieda ta' missieru. Hafna drabi jigrilna bhal dan l-ewwel iben: lil Alla nghidulu le, izda wara jiddispjacina u nghidulu biex jahfrilna. Naraw il-bluha taghna li ma ghamilniex ir-rieda Tieghu u l-indiema li nhossu fina li ma wettaqniex il-volonta' tieghu igghalna nibdlu fehemitna u nobduH.

## ALLA DEJJEM JAHFER LIL MIN JURI SOBGHA TAL-HAZIN LI GHAMEL

It-tieni iben qal lil Missieru iva imma ma zammx kelmtu. Deher li kien ubbidjenti izda ma mexiex skond il-weghda tieghu lil missieru.

## IL-KLIEM MINGHAJR AZZJONI MA JISWA' XEJN

Gesu' kien qed jghid din il-parabbola lil xi nies li kienu jikkunsidraw lilhom infushom tajbin imma qalbhom kienet tinsab 'l boghod minn Alla. Talabhom jaghtuh risposta ghall-mistoqsija "Min ghamel ir-rieda tal-missier?"

Kien qed jghidilhom biex jiggudikaw hajjithom u b'hekk jurihom li huma qeghdin fit-triq il-hazina.

## TGHALLEM BL-AMMENT U ZOMM F'QALBEK




Wiegeb ghal dan li gej billi tiketeb jekk hux VERU jew FALZ

1. Iz-zewgt  ulied biddlu fehmithom.
2. Il-misser fahhar liz-zewgt uliedu.
3. Jekk ma ahniex hbieb ta' Alla dejjem nistghu nsiru waqt li ghad ghandna ic-cans.
4. Irridu nobdu lil Missier taghna fis-sema.

It-twegibiet issibhom fl-ahhar pagna.

Aghti kulur lil istampa



Ghin liz-zghir isib triqtu lejn il-ghalqa.



twegibiet

Iz-zewgt  ulied biddlu fehmithom……Veru

Il-misser fahhar liz-zewgt uliedu…….Falz

Jekk ma ahniex hbieb ta' Alla dejjem nistghu nsiru waqt li ghad ghandna ic-cans…..Veru

Irridu nobdu lil Missier taghna fis-sema….Veru